# PROGRAMM

TAL-FESTI AD UNUR TAL-

# "MADONNA TAL-ĠILJU"



**IMQABBA — 12 - 15 TA' MEJJU**

1966

PROG

## FESTI TA' ĠEWWA L-KNISJA

**12 ta' Mejju:**

Fis-7.15 p.m. Għasar, Priedka mill-Wisq Rev. Kan. Giovanni Sladden, Antifona, Litanija u Bark Sagramentali.

**13 ta' Mejju:**

Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata.
Fis-7.15 p.m. Għasar, Priedka, Antifona, Litanija u Barka Sagramentali.

**14 ta' Mejju:**

Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata.
Fil-5.00 p.m. Għasar, Antifona u Barka Sagramentali.

**15 ta' Mejju — JUM IL-FESTA:**

Fl-4.30 a.m. Quddiesa Parrokkjali.

Fis-7.00 a.m. Matutin kantat.

Fit-8.30 a.m. Kant ta' Terza. Quddiesa Kantata. Iqaddes Dun G. Bugeja. Wara l-Vanġelu, il-W.R. Patri Alfons Sammut, O.F.M.Conv., S.Th.M., jinseġ paniġirku ta' tifħir lill-Madonna. Wara l-Quddiesa purċissjoni tat-Terza.

Fil-11.00 a.m. Toħroġ l-aħħar quddiesa.

Fil-5.00 p.m. Għasar solenni bil-mużika. Wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Wara l-purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali. Il-purċissjoni tkun immexxija minn Dun Karm Ghigo.

Il-mużika tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast F. Diacono.

A M M

## FESTI TA' BARRA

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju:**

Fit-8.00 p.m. mixegħla ġenerali.

**Is-Sibt, 14 ta' Mejju — LEJLET IL-FESTA:**

Fis-7.15 p.m. mixegħla ġenerali.

Fit-8.00 p.m. Il-Banda Ċittadina "King's Own" tferraħ it-toroq ewlenin tar-raħal b'set ta' marċi brijużi u wara tesegwixxi programm mużikali fil-Pjazza tal-Knisja.

Fil-11.00 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar u murtali tal-kulur maħdumin mid-Dilettanti ta' l-istess Każin.

**Il-Ħadd, 15 ta' Mejju — JUM IL-FESTA:**

Fin-12.30 p.m. il-magħrufa Banda "LILY" fost entużjażmu l-aktar kbir tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal b'set ta' marċi brijużi.

Fil-5.30 p.m. il-Banda Ċittadina "La Vallette" tagħmel marċ minn Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Knisja fejn wara tesegwixxi programm mużikali.

## V I V A

## IL-MADONNA TAL-ĠILJU

# KURUNELLA

## TA'

## SIDTNA MARIJA SANTISSIMMA KONĊETTA IMMAKOLATA

1. Lejna ħares o ħanina
Hawn quddiemek, mixħutin,
Bħala wliedek, ifraħ bina,
Allavolja midinbin.
Ave, Gloria.

2. Kemm sabiħa għamlek Alla
Sa mill-bidu li inti nħlaqt,
Ħarsek fis, u xejn ma ħalla,
Li tittabba' f'dak il-waqt.
Ave, Gloria.

3. Malli nsiru d-dnub jaħtafna,
Dana lilek ma ġarax
Dak l-għadu li ġarrafna,
Lilek jirbaħ ma setax.
Ave, Gloria.

4. Xejn ma kellha x'taqsam miegħek,
Dik it-tebgħa ta' kulħadd,
Kollu safi l-bidu tiegħek,
Id-dnub fik ma deher qatt.
Ave, Gloria.

5. Allavolja Adam missierek,
Il-ħtija minnu int ma ħadtx,
Lilek kmieni Alla bierek,
U mal-ħażen ma tħallatx.
Ave, Gloria.

6. Wera Alla wisq kburija,
Meta għamlek fost in-nies,
U min qatt jista' o Maria,
Talli tak isib il-qies?
Ave, Gloria.

7. Fuq il-għolja tal-qdusija,
U ħadd bħalek inti mbdejt,
Hekkda għamlek il-Messija
Meta ħajtek 'nti bdejt.
Ave, Gloria.

8. Id-dawl t'Alla bikri rajtu
Lilu dlonk inti ħabbejt
Kif bdejt ħajtek qalbek tajtu
Kif fid-dinja inti ġejt.
Ave, Gloria.

9. Meta għamlek żejnek b'ġid
L-iben tiegħek il-ħanin,
Lilek waħdek żammek b'idu,
Ma telqekx mal-midinbin.
Ave, Gloria.

10. O xi ġmiel u kemm sabiħa,
Inti ġejt f'din il-art,
Bħala ġilju kollok fwieħa
Kemm nadifa issawwart.
Ave, Gloria.

11. Ħudha waħdek dil-foħrija,
Għalex waħdek inti deħert,
B'din it-tieba ħekk bikrija,
Kif zerqit'ek meta sirt.
Ave, Gl…

12. Int ismagħna Omm il-ħiena,
Ulied Eva midinbin,
H' ħassritna u sirna ħżiena,
Inti qiegħdna mat-tajbin.
Ave, Gloria.

Bis-Sensja tal-Knisja.

L-Eċċl. u R.mu. Mons. D. P. M. tal-Konti Sant Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta, b'digriet tas-27 ta' Novembru 1857, jagħti 40 jum Indulġenza lil min jgħid bil-qalb din il-Kurunella.

"EMPIRE PRESS"